**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 16 – L-Ħamis 24 ta' April 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-18.30hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa **SEDUTA NRU 15 – L-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014** fuq proposta tal-Viċi Sindku Ms Magda Magri Naudi u sekondata minn Ms Lorraine Farrugia Kunsillier, dawn ġew approvati.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża biex Sur Fenech min Noise Abatement Society of Malta għamel preżentazzjoni lil kunsilliera dwar Noise Abatement.

## 2. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

**2.1** Il-Viċi Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li dwar l-applikazzjoni A+. Nfurmat li qed tieħu ħsieb l-applikazzjoni w li tkellmet dwar xogħolijiet li jistgħu jsiru fuq bankini fi Triq t-Transfigurazzjoni.

**2.2** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li T sign ta' punt 2.5 għandha terġa titwaħħal viċin il-bieb Numru 62 fi Triq Preziosi. Intqal ukoll li għandu jsir aktar infurzar min naħħa tar-residenti. Nfurmat ukoll li jekk il-bollard titneħħa din għandha terga titpoġġa f'postha.

**2.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li għamlet il-laqgħa ma' l-amministraturi tal-blokki tal-Housing. Nfurmat li x-xogħol ser jerġgħa jibda min 2015.

**2.4** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia saqsiet dwar il-progress ta' Triq id-Dejqa u s-segretarja wieġbet li ser issir laqgħa it-Tlieta ta' wara fuq din it-Triq.

**2.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia saqsiet dwar il-ħajt tal-mitħna biex jinbena għax hemm tabelli kbar li dik l-art li hemm magħha se qeda għal bejgħ.

**2.6** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar infurmat li għandha żewg dati biex isiru l-ġiti ta' Sqallija. Waħda fis-6 ta' Ġunju li tikkonsisti f'Tour Agrarju li jinkludi 6 course meal, u gita oħra fis-27 ta' Ġunju għal- shopping.

**2.7** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar infurmat ukoll dwar il-problema ta' parkegg li dejjem qed tikber fejn toqgħod hi.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI

**3.1** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris informa lill-kunsill li waslitlu informazzjoni li l-MEPA kienet ser tirtira l-Emergancy Conservation order fi Vjal it-Transigurazzjoni Hal-Lija u cioe Tirtira l-Iskedar. Il-Kunsill kollu qabel li jekk dan ikun il-kaz għandna noġezzjonaw bl-aktar mod iebes sabiex din it-triq tibqa tingħatala d-dehra li tixraqilha.

**3.2** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris nforma li dwar il-One Way li saret fi Triq Massimillian Debono għalkemm daħlu ħafna lmenti intlaħaq ftehim li tib qa. Pero jekk l-ilmenti jibqgħu deħlin din titneħħa.

**3.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-flixken tal-ħġieġ ma nġabrux fil-ġurnata li kienet miftehma.

**3.4** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat dwar l- attivitajiet tat-Tfal li tixtieq tagħmel għas-sajf.

**3.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat dwar il-bżonn urgenti li jsir l-concrete fi Triq Klerku Gakbu Abela.

**3.6** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat dwar Triq id-dejqa. Is-Segretarja nfurmat li l-kuntrattur qed jistenna l-permess ta' Transport Malta.

**3.7** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li ser tagħmel laqgħa mal-Perit biex titranga l-Mitħna.

**3.8** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li wara l- ħarġa li organizzat il-feedback tan-nies kienet tajba ħafna.

**3.9** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar l-ittri li kellhom jintbgħatu.

**3.9.1** Ittra lit-TM sabiex issir il parti l-ġdida ta Triq Giuseppe Cali

**3.9.2** Ittra lis-sid tal-post gewwa Vjal it-Trasfigurazzjoni sabies jittella ħajt mas-sit

**3.9.3** Ittra lis-sid tal-għalqa ġewwa Triq tal-Mirakli sabiex inkunu nistgħu mmexxu l-ilma ġewwa l-għalqa tiegħu.

**3.9.4** Ittra ta' ringrazzjament lill Ministru Joe Mizzi ta' għajnuna tiegħu sabiex jitneħħew l-arbli perikoluzi li kien hemm fejn il-ground tal-football.

**3.10** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa għalfejn għadha ma saritx il-laqgħa ma' l-accountat dwar il-budget tal-Kunsill.

**3.11** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar it-tender tal-flag pole biex infakkru lill-Perit dwar dan.

**3.12** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa għal update dwar il-billboard illegali li hemm fil-bidu ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni u fuq il-billboard il-gdid. Is-Segretarja nfurmat li nkitbu diversi ittri ta' complaints.

**3.13** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar it-tender ta' extensive patching.

**3.14** Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma li tajjeb li jsiru Pellican lights fi Triq it-Transfiguzzjoni.

**3.15**Il-Minority Leader Dr Marc Sant issuggerixxa li jsiru 1 jew 2 traffic calmers f' din it-triq u l-istop sign ma l-art li hemm fl-aħħar ta din it-triq tkun refreshed.

**3.16** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar il-parking proposal ta' Sir Ugo Mifsud. Il-Perit ippropona li ssir herringbone.

**3.17**Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar infurmat li l-kunsill għandu jieħu azzjoni dwar il-problema tan-naħal li jidher li reġgħet qed isseħħ.

**3.18** Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar infurmat li hemm bzonn patching f'Pantar Road.

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Il-kumitat tal-Kazin tal-Banda San Pio X qiegħed jitlob lill-kunsill lokali biex il-fondi allokati għalih (Ewro500) għal din is-sena jigu użati nhar is-Sibt 5 ta' April 2014 waqt l-Akkademja Muzika Letterarja li ser titella ġewwa l-Knisja l-Qadima tas-Salvatur. L-Attivita għaddiet għalhekk m' għandu jingħata l-ebda għajnuna.

**4.2** Is-Sur Anthony Busuttil ressaq l-ilment tiegħu fuq il-problema li hemm fi Triq Preziosi, Sqaq Nru. 2, Ħal Lija bit-trukkijiet kbar li qed jidħlu f'dawn l-inħawi. Ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill kien poġġa t-tabella li t-Triq ma tinfidx, dan is-sinjal kien tneħħa mmedjatament minħabba l-ilmenti ta' residenti. Talab lill-Kunsill sabiex din it-tabella terġa titpoġġa.

**4.3** Waqt il-laqgħa tal-lokalita, resident qal li dan l-aħħar m'għadux ikun hemm gwardjan lokali sabiex jara li karozzi ġejjin minn Mosta Road ma jaqsmux għal Triq Preziosi sabiex jiprevenu milli jgħaddi t-traffiku minn ġo Ħal Lija. Ir-Resident staqsa jekk hux possibli li ssir *camera* żgħira minflokk jkun hemm gwardjan lokali. Il-Kunsill qabel li għandha tingieb quote. Il-Minority Leader Dr Sant talab li titpoġġa Right turn sign li ghandha titwaħħal ħdejn il-billboard sabiex is-sewwieqa gejjin mill-Mosta jkunu jistgħu jaraw dan is-sinjal.

**4.4** Resident preżenti talab biex iż-żewġ *sleeping policemans* li hemm fi Triq Annibale Preca jitranġaw kif suppost u ma jibqawx daqshekk għoljin. Jew inkellha jitbiddlu u jsiru tal-plastic. Il-Kunsill qabel li għandha nitkellmu mal-perit tal-Kunsill.

**4.5** Resident ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wieħed mill-pilastri li hemm ma' l-istatwa ta' San Gużepp kien inkiser u għalkemm ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill, dan għadu ma tranġax.

**4.6** Is-Sur Frans Borg staqsa fuq il-wires ta' l-elettriku li kienu saru temporanjament mal-ħajt tas-sorjiet fi Triq Merino kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex dan l-arblu b'dawn il-wires jitneħħew malajr kemm jista' jkun peress li dan l-arblu naqqas mill-wisa li hemm f'din it-Triq. Is-Sur Borg żied bit-talba tiegħu sabiex quddiem id-dar ta' ommu f'numru 10 issir kaxxa safra minflokk iż-żewġ linji sofor li hemm preżenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.7** Is-Sinjura Borg Micallef ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-istat tat-triq fl-isqaq Sant'Andrija w kif minħabba l-istat ta' din it-Triq, mara anzjana għaddiet u waqgħet. Is-Sinjura Borg Micallef talbet ukoll sabiex isir railing tal-ħadid pulit mal-ħajt sabiex in-nies ikunu jistaw jżommu miegħu. Kif ukoll rigward sigra li qiegheda fi sqaq hdejn id-dar taghhom li qiegheda pjanta go triq biex tinqala ghax mhux suppost tkun fi triq. Il-Kunsill qabel li jsaqsi jekk is-Sinjura tixtieqx li dan isir mal-faċċata tagħha.

**4.8** Is-Sinjorina Josette Campbell tixtieq li l-parking bay quddiem id-dar taghha li tesa żewġ karozzi tiressaq ftit u li l-kaxxa tkun maqsuma b'linja bajda fin-nofs sabiex il-parkeġġ jintuża kif suppost. Il-Kunsill ma qabilx.

**4.9** Is-Sinjura Cuschieri (77434977) tixtieq tressaq suġġeriment sabiex l-ewwel żewġ *parking bays* li hemm fi Vjal Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Ferdinad Grech, Ħal Lija, jitneħħew minħabba li l-*coaches* u l-karozza tal-linja ma tkunx tista' tikser sew u jkun hemm ħafna problemi sabiex jkunu jistaw jgħaddu sew. Il-kunsill qabel li għandha ssir proposta għal timed parking.

**4.10** Ms. Spiteri li toqgħod no.10 Triq Sant'Andrija tixtieq tagħmel request biex il-yellow line li għandha quddiem id-dar taghha jitnaqas ghaliex qieghed jiehu parking base zejjed ghalxejn u kif jaf kulhadd Triq Sant'Andrija hemm nuqqas kbir ta' parking. Dan il-line kien sar minhabba Mr. Carmelo Muscat li ghandu Garage faccata ta' din id-dar u kien ghamel request mal-Kunsill li jekk ikun hemm il-karozzi parkjati facata tal-garage ma jkunx jista johrog u jdahal il-karozza fil-garge tieghu. Il-Kunsill qabel li dan għandu jibqa hemm.

**4.11** Is-Sur Godwin Farrugia xtaq jagħmel request biex isir xi haga biex il-karozzi ma jkomplux jipparkjaw fl-entratura tal- garages fi Triq Guzeppi Portelli hdejn dar no.10 Margod. RitrattiAnessi.

**4.12** Is-Sur Vincent Galea jixtieq jaghmel request biex isir l-bankina ta' quddiem id-dar tieghu 'Bronja' Annibale Preca Str. Li issa ilha hekk ghal dawn l-ahhar 3 snin. Ritratt Aness u kwotazjonijiet. Il-Kunsill qabel li din għandha titranga.

**4.13** Approvazzjoni ta' minuti tal-laqgha li saret bejn il-MEPA u l-Kunsill fit- 8 t'Awwissu 2013 fuq proposti ghal tibdil tas-Central Malta Local Plan ghal-lokalita ta' Hal Lija. Il-Kunsill qabel.

**4.14** E-mail minghand is-Sur Cohen fuq Ambaxxatur Lokali gdid ghal lokalita ta' Hal Lija. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat lil għaqdiet kollha ta' Hal Lija.

**4.15** Ilment dwar sigra ta' Residenta li ghanda fil-parapett li toqghod Triq Dun Guzepp Tanti no.1 li qiegheda tostakola l-bankina. In-nies irridu jinzlu minn fuq il-bankina. Il-Kunsill diga baghat 2 ittri li din ir-residenta biex din is-sigra tinzabar b'talli mod li li nies ikunu jistghu jghaddu minn fuq il-bankina. Ahna ukoll kellimna li din ir-residenta u qaltilna li hija zabritha kif suppost. Ritratt aness

**4.16** Request minghand Ms. Alison DeBrincat rigward permess biex taghmel party fic-centru Rekreattiv fil-parti li hem mil-bandli fejn hu maghluq nhar 19 ta' Lulju 2014 mis-6:30p.m. – 9:30p.m. (99014210) il-Kunsill qabel pero jixtieq akar informazzjoni.

**4.17** Diversi lmenti minghand sewwieqa li jghaddu minn Pantar Rd. biex il-hofor li hemm isiru tajeb ghaliex perikoluza hafna. Il-Haddiema tal-Kunsill nhar it-tlieta stess imlew xi hofor bi tarmac pero malajr jerga jinqala ghalhekk irid isir xoghol tajeb bl-ingenji mehtiega. IL-Kunsill qabel li din għandha titranga.

**4.18** Ilment minghand Ms. Gatt li toqghod Hal Balzan u tghaddi kuljum minn Robert Mifsud Bonnici Str. li l-bankina li saret gdida fil-kantuniera bejn Hal Balzan u Hal Lija ma saritx kif suppost. Il-Kunsill kien baghat ittra lir-resident biex dan jirranga pero qatt ma kien hemm risposta. Kunsill qabel li din għandha titranga.

**4.19** Il-Contracts Manager mar f'Ta' Senna biex jara x-xogħol li hemm bżonn. Ġibed l-attenzjoni li għandu jittella' ħajt fi Triq Antonio Azzopardi, Ħal Lija. Issuġġerixxawkoll li għandu jitranġaw l-parking bays li hemm preżenti u minflokk jiġu mmejlin sabiex jintrebaħ ħafna aktar parkeġġ li bħalissa huwa kollu mitluf. Ritratti annessi. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel site plan u lista taħ spejjes għal laqgħa li jmiss.

**4.20** Residenti li gejjin joqghodu Triq Il-kbira qed jaghmlu request ghal-bankina quddiem Church Cottage nr 39/40 – Triq il-Kbira Hal Lija. Il-Kunsill qabel li għandna nsaqsu lil perit jekk din tistax issir.

**4.21** Request biex isiru double yellow lines quddiem St. Joseph Pharmacy fi Triq Annibale Preca minn resident is-Sur Salvu Bonnici ghax qed isib diffikulta biex johrog mill-garage

tieghu ezatt faccata ta' l-ispizerija. Il-Kunsill qabel lli għandhom isiru yellow lines fuq kull naħa.

**4.22** Re proposed sites for bring-in-sites. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

**4.23** Annemarie Grech tixtieq taghmel request ghal yellow lines mal-genb tal-garage taghhom fi sqaq nru.1 Triq il-Kuncizzjoni ghaliex meta jipparkjaw l-karozzi ma jkunux jistghu jifthu l-garage. (ritratt aness) il-Kunsill qabel li għandu jsir infurzar u jagħti l-aħħar notice.

**4.24** Is-Sinjura Zammit Meample tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-boroż taż-żibel mhux qiegħed jinġabar mill-kollettur. Meta r-residenta ġibdet l-attenzjoni ta' l-istaff, dawn infurmaw lill-kollettur pero għalkemm qalilhom li kien ser jgħaddi jiġbora wara nofsinhar, r-resident ġiet il-Kunsill biex tgħid li l-borża baqgħet ma' nġabritx.

**4.25** Is-Sinjorina Annmarie Grech tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsil fuqil-qsari (konnka) li hemm ma' faċċata ta' dar fi Triq Prezoisi, Sqaq Nru 2, Ħal Lija. Preżżentament, mal-faċċata ta din id-dar hemm double yellow line ( li jigi ma hajt ta garage). Is-Sinjorina Grech qed titlob lill-Kunsill sabiex minflokk il-yellow line isir parking space. Biex isir dan il-parking space, jridu jitneħħew dawn iż-żewġ konnok. Is-Sinjorina tixtieq tgħid ukoll li dawn il-qsari suppost li ilhom li tneħħew minħabba li l-Kunsill kien bagħat karti biex dawn jitneħħe. Ħadd ieħor iktar 'l isfel kienu mġelin mill-Kunsill biex dawn jitneħħew. Allura is-Sinjorina Grech tixtieq tun taf għalfejn dawn m'għandhomx jitneħħew ukoll.

**4.26** Is-Sinjorina Grech tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-ħitan tas-sejjieħ ma' l-għelieqi li għandhom f'Ta Senna. Is-Sinjorina Grech spjegat li parti minn dan il-ħajt tas-sejjieħ kien waqgħa peress li xi ħadd kien ħaraq liedna li. Parti minnu tellawh iż-żijiet tas-Sinjorina Grech, izda il-parti l-oħra ma setawx minħabba l-karozzi ipparkjati. Suppost minn naha tal kunsill kellhom jitwahlu karti li sakemm hemm il hajt imwaqqgha ma jipparkjawx biex ikunu jistghu itellghu il hajt, pero iz zijiet kull meta marru biex jaghmlu ix xoghol dejjem isibu il karozzi u ma jkunux jistghu jahdmu. Sippost ukoll is sindku kellu appuntament maz-zijiet fuq il post, izda stennew ghal xejn ghax dan ma tfaccax. Suppost ukoll kellhom isiru tabelli li min jipparkja ikun riskju tieghu, imma minn dan ma gara xej. Is-Sinjorina Grech tixtieq issaqsi lill-Kunsill li jekk jaqgħa xi hajt fuq xi karozza min hu responsabli ?

**4.27** Rapport mill-Kunsill Lokali Rigward ir-Reserved Parking biex timtela ta' Mr. Ian Vella li joqghod Triq Carmelo Farrugia. ( Rapport aness minghand TM) Din imtiet.

**4.28** E-mejl mingħand it-TCTC sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija jerġa' jipprovdi s-servizz ta' tagħlim tal-kompjuters ġewwa l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. IL-Kunsill qabel dwar dan.

**4.29** Is-Sur Henry Benn (79705678) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-problema tiegħu minn mindu Triq Gużeppi Portelli, Ħal Lija saret *one way*. Ir-Resident qed isibha diffiċli sabiex ikun jista' joħroġ bil-karozza mid-dar tiegħu. Huwa qed jissueriġixxi sabiex il-one way issir fi Triq Massimiliano Debono u mhux fi Triq Gużeppi Portelli. B'hekk it-traffiku jgħaddi minn Triq waħda u dritta u mhux joqgħod jgħaddi minn Triq Massimiliano Debono u jerġa jikser sabiex umbad ikun jista' joħroġ mill-isqaq dejjaq. – Mappa annessa.

**4.30** Traffic management in Triq Giuseppi Portelli and Massimiliano Debono – e-mail minghand TM dated 11 April **2014**

**4.31** Ittra minghand Lija/Iklin Football Youth Nursery fuq attivitajiet li ser ikollhom fejn qed jitolbu support/ghajnuna mill-Kunsill

**4.32** Invitation ghas-Sindku jew raprezentant minghand Transport Malta fuq is-suggett 'Management and Road safety – A Way forward' nhar it-Tlieta 22nd April 2014

**5. AMMINISTRAZZJONI**

**5.1** Is-Segretarja preżentat Kwotazzjonijiet - bankina Triq Annibale Preca

**5.2** Is-Segretarja preżentat Ittra lir-residenti bil-hinijiet ta' meta jingabar il-garbage kulljum

**5.3** Is-Segretarja preżentat Annual Report and financial Statements 1 January – 31 December 2013, 9 kopji biex dawn jiġu ffirmati.

**5.4** Is-Segretarja nfurmat dwar il-Permessi għal-kiosks għal-Festa.

**5.5** Is-Segretarja nfurmat dwar il-Permessi għat-'tables and chairs' fi żmien il-festi.

**5.6** Is-Segretarja nfurmat dwar l-Applikazzjonijiet għal Ġieħ Ħal Lija.

**5.7** Is-Segretarja fil-preżenża tal-kunsillieri fetħet il-quotations tal-Water Culverts f'Hal Lija.

**6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI**

**6.1** Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar mal-minuti ta' Marzu/April 2014. Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi Proponiet u Is-Sindku Dr Castaldi Paris is-sekonda.

**TMIEM**

Fil- 20.00hrs intemmet is-Seduta biex issir il-Laqgħa tar-residenti u b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 21 ta' Mejju 2014 fl-17.00hrs.

________________________ ________________________

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju